**REGJUN XLOKK**
VALLETTA, BIRGU, ISLA, BORMLA, HAZ-ZABBAR, ZEJTUN, FGURA, FLORIANA, KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL-TARXIEN, XGHAJRA.

# MINUTI

**Laqgħa tar-Regjun Xlokk**

**Laqgħa Nru. 27/2019 tat-Tielet Amministrazzjoni**

Data: 7 ta' Mejju 2019

Ħin: 17.30

Post: Ufficcju Amministrattivi tar-Regjun Xlokk, f' 97 Triq Santa Marija, Tarxien.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Chev Paul Farrugia** | President u Sindku | Reġjun Xlokk/Kunsill Lokali Tarxien | PREŻENTI |
| **Sur Lawrence Attard** | Kunsillier | Kunsill Lokali Birgu | PREŻENTI |
| **Sra. Alison Zerafa Civelli** | Sindku | Kunsill Lokali Bormla | PREŻENTI |
| **Sur Vincent Borg** | Viċi Sindku | Kunsill Lokali Floriana | SKUŻAT |
| **Sur Pierre Dalli** | Sindku | Kunsill Lokali Fgura | PREŻENTI |
| **Sur Clive Pulis** | Viċi Sindku | Kunsill Lokali Isla | SKUŻAT |
| **Sra Speranza Chircop** | Sindku | Kunsill Lokali Kalkara | PREŻENTI |
| **Sur Francis Debono** | Sindku | Kunsill Lokali Marsa | PREŻENTI |
| **Sur Horace Gauci** | Sindku | Kunsill Lokali M'xlokk | PREŻENTI |
| **Sur Charlot Mifsud** | Kunsillier | Kunsill Lokali M'skala | PREŻENTI |
| **Sur Dominic Grima** | Sindku | Kunsill Lokali Paola | SKUŻAT |
| **Sur Vince Farrugia** | Kunsillier | Kunsill Lokali Valletta | SKUŻAT |
| **Sur Anthony Valvo** | Sindku | Kunsill Lokali Xgħajra | SKUŻAT |
| **Sur Marc Vella Bonnici** | Sindku | Kunsill Lokali Zabbar | ASSENTI |
| **Sinj. M. Doris Abela** | Sindku | Kunsill lokali Zejtun | SKUŻAT |
| **Sna Antonella Galea** | A/Segretarju Eżekuttiv | | |

## AĠENDA

27.1 Introduzzjoni mill-President;

27.2 Ħatra Segretarju Eżekuttiv

27.3 Tmiem tal-laqgħa.

**<u>TALBA</u>**
**Il-President qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

**27.1 Introduzzjoni mill-President**

i. Il-President is-Sur Paul Farrugia nforma lill-Membri preżenti li hekk kif infurmati fil-laqgħa preċedenti, ir-Reġjun Xlokk kien ħareġ sejħa għall-post vakanti ta' Segretarju Eżekuttiv u dan peress li bħalissa kienu qegħdin joperaw b'Aġent Segretarju Eżekuttiv. Żied jispjega li dwar dan kien deher avviż kemm fil-Gazzetta tal-Gvern nhar id-9 ta' April 2019 kif ukoll avviż ieħor fuq is-sit elettroniku tal-Dipartiment Gvern Lokali.

**27.2 Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv**

i. Il-President informa lis-Sinjuri Membri li sal-ġurnata tal-għeluq għal din is-sejħa jiġifieri sa nofsinhar tal- Erbgħa 24 ta' April 2019, kienu daħlu 4 applikazzjonijiet. Żied jgħid il-President is-Sur Paul Farrugia li l-4 applikazzjonijiet kienu mill-POOL u għaldaqstant l-4 kienu validi.

ii. Il-President informa lill-Kumitat li l-4 applikanti ġew infurmati li l-interviews kienu ser isiru nhar il-Ħamis 2 ta' Mejju 2019 bejn it-3:00pm u l-4:00pm. Spejga wkoll li l-Bord kien kompost minnu bħala Chairman, kif ukoll mis-Sinjuri Horace Gauci Sindku Marsaxlokk, u Adrian Mifsud Ex Direttur Gvern Lokali. Bħala Segretarju tal-Bord kien s-Sur Svetlick Flores u dan peress li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv attwali kienet waħda mill-applikanti. Hawnhekk il-President żied jispjega li dwar dan it-tibdil fis-Segretarju tal-Bord ġie nfurmat kemm id-Direttur GvernLokali kif ukoll il-President Assoċjazzjoni Gvern Lokali.

iii. Il-President informa lis-Sinjuri Membri li mill-4 applikanti , wieħed kien bagħt email fejn infurmana li kien qed jirtira l-applikazzjoni tiegħu, filwaqt li ieħor ma kienx deher għall-interview. It-tnejn l-oħra dehru għall-interview skond l-appuntament mogħti lilhom. Sadanittant il-President is-Sur Paul Farrugia nforma lis-Sinjuri Membri li wara li saru ż-żewġ interviews, il-Bord b'mod unanimu kien irrakomanda li tintgħażel is-Sna Antonella Galea.

iii.i Saret diskussjoni mis-Sinjuri Membri tar-Reġjun Xlokk preżenti fejn dawn b'mod unanimu kkonfermaw li tintgħażel is-Sna Antonella Galea bħala Segretarju Eżekuttiv għar-Reġjun Xlokk.

**27.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

i. Il-laqgħa ntemmet fi 18:30hrs.

Laqgħa oħra kienet ser tinżamm nhar il-Ħamis 25 ta' April 2019.

| | |
|---|---|
| *(Iffirmata)* | *(Iffirmata)* |
| *Kav. Paul Farrugia*<br>*President* | *Antonella Galea*<br>*A/ Seg. Eżek* |